## Frenċ ta' l-Għarb - 3

# Jagħti pariri ta' ġid spiritwali



Bieba ta' mandra fejn Frenċ ġie li kellem lin-nies

jikteb Angelo Xuereb

Frenċ tal-Għarb kien konxju li dawk r-riżultati li kien qiegħed jikseb ma kinux frott ta' l-intelligenza tiegħu iżda tal-ħidma t'Alla fih. Darba meta ġie mistoqsi għaliex it-taħlitiet u l-pariri ma jniżżilhomx bil-miktub huwa rrisponda:"Jien naħseb li dak li għallimni għadu ħaj u ma jmut qatt". Bla dubju ta' xejn huwa kien qiegħed jirreferi għal Alla u l-Madonna ta' Pinu. Huwa kien konxju li r-riżultati li kien qiegħed jikseb kienu qegħdin isiru bil-qawwa t'Alla. Għalih il-fejqan li kien qiegħed isir permezz tiegħu kien qiegħed jagħmlu Alla u l-ħallieq kien kapaċi jqajjem xi ħadd ieħor bħalu. Verament naraw fih il-bniedem t'Alla mimli b'umiltà mill-aktar kbira. Infatti l-Agostinjan Patri Martinjan Cutajar, kiteb li Frenċ kellu l-qawwa li jara l-istat spiritwali tal-persuni u għalhekk ġie li ċanfar xi persuni li ma kinux qegħdin jgħixu ħajja moralment tajba.

Mariġwann Galea li kienet ħafna qrib ta' Frenċ tgħidilna li ħuwa seta' jara l-ħsibijiet l-aktar intimi li kienu jinkwetaw l-persuni li kienu jmorru għandu kemm fir-ruħ u kemm fil-ġisem. Prova oħra li l-ħidma tiegħu kienet ġejja mingħand Alla kienet li huwa qatt ma fittex il-popolarità iżda għamel kollox għall-akbar glorja t'Alla. Infatti huwa ġie li aċċetta xi rigali żgħar bħal xi kuruna tar-Rużarju iżda meta aċċetta xi flus dawn kienu kollha jmorru għas-santwarju ta' Pinu. Meta xi persuni li kienu qegħdin jgħixu ħajja ħażina rrikorrew lejh, huwa kemm-il darba ma riedx iwiegħed fejqan jekk dak li jkun ma jagħmilx ħiltu biex jersaq lejn Alla. Nisimgħu każ wieħed. Lil wieħed li kien jimxi bil-krozzi, Frenċ qallu, "*Jekk għandek rieda tajba, tfiq. Imma qabel, mur Ta' Pinu, sib saċerdot itlob maħfra lil Alla u l-Madonna tfejqek*". Dan mar iqerr f'Ta Pinu u talab lill-Madonna sabiex tidħol għalih. Meta qam huwa nduna li seta' jimxi mingħajr il-krozzi.

Darba raġel li kien ilu marid ħafna qallu, "*Biex tfiq, trid tħalli l-vizzju li għandek!*" F'każ ieħor Frenċ qal: "*Int għal xejn iddur it-tobba għax il-marda li għandek ma hix tat-tobba: hemm bżonn li taqta' l-vizzji li għandek u tqiegħed ruħek sewwa ma' Alla; imbagħad tfiq!*"

B'dawn il-ftit eżempji naraw kemm il-kura li kien jagħti bil-ħxejjex kienet immirata għall-waħda ogħla: il-ġid spiritwali ta' dawk li kienu jmorru għandu biex jersqu lejn Alla u lejn il-Madonna.

***Din is-sensiela hi msejjsa fuq il-kotba ta' Mgr. Joseph Bezzina u Patri Alexander Bonnici OFM. Conv.***